# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 243 :: AWWISSU, 2016



**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com


**IL-LAQGĦA LI TMISS SE TKUN NHAR IL-ĦADD, 28 TA' AWWISSU FIĊ-ĊENTRU MALTI TA' PARKVILLE, FIS-2.00 PM**

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna. Għad hemm min għadu ma ħallasx tas-sena l-oħra. Ħudu ħsieb.

## IL-LAQGĦA TA' ĠUNJU



Il-laqgħa ta' Ġunju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, minflok li nżammet bħas-soltu fl-aħħar Ġimgħa tax-xahar fis-7 pm, din id-darba, kif ukoll se jsir għax-xahar ta' Lulju, saret nhar il-Ħadd, 26 ta' Ġunju, fis-2 pm. Dan minħabba li qegħdin fix-xitwa u ħafna mill-membri isibuha ftit diffiċli biex isuqu fid-dlam u fil-ksiħ. U din is-sena qed jagħmlu ħafna jiem kesħin.

Fil-laqgħa kellna numru mhux ħazin ta' membri, u kellna xi apoloġiji: Rosemary u Charles Attard li kienu bil-btala, kif ukoll Salvina Vella, Marie Louise Anastasi u Frank Bonett li kienu xi ftit ma jifilħux.

Sar ħafna qari minn dawk preżenti, kemm xogħol oriġinali tagħhom u anke qari ta' awturi oħra.

F'din il-laqgħa, il-PRO, Paul Vella, ta l-aħbar tal-mewt għalgħarrieda tal-President tal-Għaqda Poeti Maltin, is-Sur Charles Magro li ġrat il-Ġimgħa, 24 ta' Ġunju. Fil-laqgħa Paul qara poeżija li rċieva ftit wara l-mewt ta' Charles, "Issa Qsamt il-Pont" miktuba u mibgħuta lilu mill-ħabib tagħna, Emmanuel Attard Cassar.

Fir-ritratt jidhru, fuq wara, mix-xellug għal-lemin: Paul Vella, Dr Victor Sammut, Josephine Cassar, Manwel Cassar, Bernadette Cassar, Rose Lofaro, Sunta Sultana, Carmen Mercieca, Michael Xuereb. Fuq quddiem, mix-xellug għal-lemin: Joe Camilleri, John Muscat, Raymond Anastasi, Charlie Sultana, Joe Lofaro, Mary Camilleri.

## Remembering Rediffusion in Malta: *A History Without Future?*




Rediffusion started operating a cable radio relay service in Malta in 1935. Over the following decades the company led the development of broadcasting in the country, introducing regular Maltese language programmes in the years immediately after World War II and television in the early 1960s. Operating a veritable monopoly for almost forty years, Rediffusion's presence in Malta came to an end in 1975. The cable radio service they created lingered on until 1989 and Malta's national public broadcasting services still operate from buildings originally erected by Rediffusion.

This is the first book in English exploring the history of broadcasting in Malta through the relics of Rediffusion memories. The perspective presented here offers an initial critical analysis of the unprocessed archival resources that have accidentally survived over the years. While it is relatively easy to recover a significant narrative to tell a history of the Rediffusion years in Malta from the primary sources that still exist, albeit rather limited and scattered, it is rather harder to delve much deeper into many of the specific aspects arising from any close study of these materials. It is therefore essential now, more than ever, to remember Rediffusion in Malta before the surviving memories perish or become odd ruins over which media archaeologists will ponder for many years to come.

ISBN: 978-99932-7-568-8 (Published by Midsea Books)

*Diskors tat-Tnedija ta' Ktieb ta' Manuel Casha — 26 ta' Ġunju, 2016*

# Maltese Traditional Music of Għana and Prejjem

L-istorja tal-Għana f'Melbourne, fost il-kommunità Maltija, hija waħda li dejjem iffaxxinatni.




Hija storja ta' kuraġġ u ta' dedikazzjoni lejn id-delizzju tal-Għana u l-Prejjem, mhux biss bħala delizzju, imma wkoll bħala mod ta' ħajja soċjali u identità. Illum qed nara nies li jinsabu fl-udjenza f'dan il-klabb, li ili nafhom fuq tlett diċenji.

Niftakarhom meta kienu fl-istadju ta' ħajjithom meta kienu jibnu djarhom. U wara meta kellhom il-familji... u issa li l-familji tagħhom kibru u llum huma penzjonanti.

Iċ-ċirku tal-ħajja dar, u l-ħaġa konsistenti ta' dawn in-nies hija, li kull meta ridt niltaqa' magħhom biex ngħamillhom xi inetrvista għar-radju, kull ma kelli nagħmel hu li nattendi l-klabb tal-Għana.

Għax l-għannejja , il-kitarristi u d-diltettanti fl-udjenzi huma kommunità li rat il-bidliet f'pajjiż 'il bogħod minn art twelidhom, imma baqgħu iddedikati għal dak il-wirt Malti li tellgħu magħhom minn Malta u baqgħu jipprattikawh tul ħajjithom.

Għax dawk li jsegwu l-Għana Malti mhumiex biss dilettanti, imma huma soċ-jetà speċjali fil-kommunità Maltija. U dan il-prinċipju seta' jiġi applikat għal stati oħra bħal Sydney u Adelaide, fejn id-dilettanti jissoċjalizzaw bejniethom permess tad-delizzju tal-Għana u l-Prejjem.

Fl-imgħoddi, attendejt djar privati, ġieli mal-familja tiegħi, fejn l-għannejja u l-kitarristi ċċelebraw lejla speċ-jali, bid-daqq u l-għana.

Dawn it-tip ta' ljieli huma veru Maltin. Iljieli li donnok tħossok li erġajt lura f'art twelidna u qed tgawdi dak kollu li jiddistingwina minn nazzjonijiet oħra.

U din il-prattika ilha sejra mill-bidu tal-Emigrazzjoni, tard fis-snin erbgħin, sa mill-bidu tal-"Assisted Passage".



L-"Assisted Passage" ra eluf ta' Maltin iħallu art twelidhom u jemigraw lejn l-Awstralja. Dawn ġew l-Awstralja minħabba l-opportunitajiet għalihom u għall-familji tagħhom. Dawk li kienu jsegwu l-Għana f'Malta issa sabuhom maqtugħin minn dak li tant kienu jħobbu.

...Għadda ħafna żmien u l-kommunità tal-għana baqgħet tippratika id-delizzju tagħha fi djar privati.

Matul iż-żmien l-interess fl-għana fil-kommunità tal-għana baqa' sod sakemm infatti l-għana beda jiġi ippreżentat fis-swali pubbliċi; sakemm illum ninsabu f'wieħed mill-isbaħ bini li qatt inbena mill-kom-munità Maltija, Il-Klabb Għannejja Maltin.



Nispera li l-ktieb jgħid din l-istorja tal-kommunità kuraġġuża u ddedikata tal-Għana Malti, wara kważi sebgħin sena minn mindu bdiet l-emigrazzjoni, lejn l-Awstralja.

Il-Ktieb iħares lejn postijiet oħra fejn sar l-Għana Malti f'dawn l-aħħar sebgħin sena,... bħall-Maltese Cultural Centre ta' Albion, Iċ-Ċentru Malti f'Parkville, tal-Maltese Community Council of Victoria u l-bini tal-Malta Star of The Sea, fejn kien isir l-għana għal ħafna snin.

Imma fuq kollox il-ktieb jgħid l-istorja tal-Għana u l-Prejjem Maltin... u dawk il-Maltin dilettanti, li mhux biss segwewh b'għożża kbira... imma sabu mezz biex iżommu ħaj il-wirt li ġabu magħhom minn art twelidhom.

*Tħallew xi kopji tal-ktieb fiċ-Ċentru Malti u jkun hemm numru ta kopji fil-Programm Mużiko-Letterarju. Jekk ma jkunux jistgħu jattendu dak inhar jistgħu jikkuntatjawni bl-email fuq: manniec@optusnet.com.au*

Victoria
Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

*Uffiċċju Rappreżentattiv:*

**16 Watt Street, Sunshine 3020**

**Telephone: 9311-3222**

# IL-BOGĦOD LI JIFRED — *Novelli ta' Joe Axiaq*




Wara aktar minn 45 sena jikteb u jippubblika l-poeżija u l-proża f'rivisti, gazzetti u antoloġiji Maltin, Joe Axiaq qed jagħtina ġabra ta' 26 novella li kiteb fl-erbgħin sena li ilu l-Awstralja, bi sfond Malti Awstraljan. Kif jistqarr l-awtur stess: "Għalkemm il-ġrajjiet u l-karattri huma fittizji, l-aspetti tal-ħajja Maltija fl-Awstralja u l-ambjent tal-ħajja f'Malta u f'Għawdex, li jien ħallejt fis-snin sebgħin, huma reali u tifkiriet ta' żmien li għadda."

Joe Axiaq, magħruf fl-Awstralja għax-xandir bil-Malti fuq SBS Radio huwa awtur ukoll ta' bosta artikli fuq sfond kulturali dwar Għawdex, il-ktieb ta' poeżiji 'Imxi Ftit Passi Miegħi' u r-riċerka dwar 'Dr Joe Abela, Ħajtu f'Ħidmietu'.

*Fl-Awstralja Alessandra ħaditha drawwa li tasal sa fuq il-pont tara l-vapuri jittrakkaw mal-moll u jniżżlu l-emigranti minn kull rokna tal-Ewropa. Familji sħaħ bi tfal żgħar iqandlu l-bagalji u l-basktijiet, jinżlu l-art wara ġimgħat twal fuq il-baħar. Kienet tħares lejn dawk l-uċuħ għajjiena imma mbissma, joħolmu b'futur isbaħ minn fejn ġew. Kienet toħlom u tixtieq li xi darba tara lil Żakkew tagħha nieżel minn fuq wieħed minn dawk il-vapuri. Kemm irġiel rat nieżla minn fuq il-vapuri jixbhu lilu, imma Żakkew baqa' ma wasalx. Kien jiġiha ħsieb li xħin jinżel kulħadd minn fuq il-vapur, titla' bil-moħbi u tistaħba xi mkien sakemm il-vapur jerġa' jsalpa u jeħodha lura fejn Żakkew..(Minn: Ward Aħmar Għall…)*



---

*F'ġurnata meta t-temp ikun ċar, minn fuq l-irdumijet tar-raħal, kienet tidher Sqallija u Peppa kienet toqgħod bilqiegħda tħares 'il bogħod 'il bogħod lejn trufijiet dik l-art imbiegħda. Żgur li xi mkien hemmhekk kien hemm l-Awstralja kienet taħseb! Peppa kien jiġiha f'moħħha li xi darba tinżel ix-xatt u taqbad dgħajsa minn mal-moll u tibda taqdef 'il barra fuq il-baħar, u tibqa' ħierġa 'il bogħod 'il bogħod sakemm tasal l-Awstralja, il-pajjiż tal-bogħod li jifred il-familji. (Minn: It-Tfal Telqu bil-Vapuri)*

***Ritratt fuq ix-xellug: Joe Axiaq*** *Informazzjoni dwar il-ktieb: Titlu:* **Il-bogħod li jifred** *(Awtur: Joe Axiaq).*

# FID-DELL TAL-PELLIKAN — *Salv Sammut*




Fid-Dell tal-Pellikan huwa t-tieni rumanz miktub minn Salv Sammut. It-tmiem tal-kitba tiegħu ntemmet fil-5 ta' Novembru tas-sena 1982, jiġifieri fil-5 ta' Novembru ta' din is-sena jagħlaq 33 sena mwarrab fid-dlam ... dejjem jistenna bis-sabar li jiġi mitbugħ wara r-rumanzi l-oħra li nkitbu warajh u ħarġu fil-beraħ għall-qarrejja. Għalkemm għaddew dawn is-snin kollha minn fuqu, il-ġrajja fil-kuntest tal-karattri tagħha għadha reali u relevanti għal dan iż-żmien għax il-bniedem jibqa' bniedem irrispettivament mill-kariga jew pożizzjoni li jkollu.

Il-karattru ewlieni tar-rumanz huwa saċerdot Karkariż, konvint minn twemminu, mimli bil-konvinzjoni ġenwina li hu kien sod u ma jaqax għat-tentazzjonijiet tad-dinja. Kien jikkritika bl-aħrax il-ħażin u l-ipokresija ta' madwaru minkejja li dejjem ried jgħix fil-kwiet. B'riħtu, kien ġabar iż-żgħażagħ fi klabb għalihom biex ibegħedhom mit-tiġrib. B'danakollu, bħala bniedem, kien dgħajjef fejn jidħlu mumenti ta' kriżi u aktar kien ħsiebu u jagħti kas ta' x'se jgħidu n-nies fuqu u kif se tiġi mittiefsa l-istima tiegħu ta' saċerdot rispettat milli fil-fatt kif kien se jidher mal-Ħallieq tiegħu. Dan joħroġ ċar fil-konfront li kellu m'oħtu, tfajla żnella, fuq tagħha li ħarġet tqila meta kienet għadha xebba. Magħha kien malajr għamilha ta' mħallef aktar milli kien iċ-Ċirinew tagħha u taha spalla meta l-iżjed li kienet tinħtieġu.

Tfajla, bla mistenni tidħol f'ħajtu u tgerfixlu l-ekwilibriju u t-trankwillità li kien qed jgħix komdu fihom. Iżda hu, għalkemm uriha kemm-il darba li ma kienx maqtugħ għal dik il-ħajja, xorta waħda ma kienx b'saħħtu biżżejjed li jżomm sod u ttarraf u ġġarrab. S'hawnhekk, ma hemm xejn straordinarju f'dil-ġrajja li min jaf kemm ġrat u għad tiġri bħalha. Imma, din is-sitwazzjoni għandha messaġġ sinifikattiv qawwi li dam biex ġie mifhum mis-saċerdot li tul il-ġrajja kollha ma setax jifhem għaliex kienu qegħdin iseħħulu dawk it-tribulazzjonijiet kollha sakemm darba, f'mument kritiku, irrealizza kemm kien bniedem beżżiegħ, egoist u kemm dineb kontra s-sema u kontra l-bniedem.



**Salv Sammut**

Fl-aħħar, jagħraf għaliex il-pretensjonijiet li kellu ġġarrfu kollha quddiemu. Nidem u sab lill-Ħallieq u s-serħan tal-qalb fil-ftuħ tal-Imtaħleb u mal-kliem djalettiku iżda mimli għerf ħiereġ minn fomm gabillott bla tagħlim akkademiku ġewwa għorfa sempliċi f'nofs is-sbuħija rurali tal-Imtaħleb.

Fid-Dell tal-Pellikan huwa rumanz minsuġ bi kliem mirqum ħafna b'Malti sabiħ miżmum kemm jista' jkun possibbli fis-sbuħija naturali tiegħu u b'deskrizzjonijiet ta' sitwazzjonijiet aċċidentali kif ukoll oħrajn pastorali fejn il-qarrej huwa u jaqra jħossu qed jittieħed lejn lehma poetika. Donnu li l-għan tar-rumanz huwa li juri kif il-bniedem, wara kollox, jibqa' ħlejqa umana, dgħajfa, li taqa' u tqum, li ġġarrab u tiġġarrab, li tidneb u tindem, li l-konvinzjonijiet jitfarrku kollha f'sitwazzjonijiet ta' prova fejn dlonk tisfaxxa l-prużunzjoni li l-bniedem kellu u emmen li dejjem hu sod f'kull ċirkustanza. Iżda, imbagħad, ikun matur biżżejjed biex jara x-xejn tiegħu u jerġa' lura lejn dak li huwa sublimi u li dejjem emmen fih bis-sħiħ ... issa li ħassu mneżża' minn kull pretensjoni u jinsab imkennen f'mistrieħ mistiku ta' dak kollu li hu naturali.

# IR-RABA’ EDIZZJONI TA’ TAĦŻIŻ

Bejn il-Ġimgħa, 7 ta’ Lulju u l-Ħadd, 10 ta’ Lulju, saret ir-raba’ seminar tar-raba’ edizzjoni ta’ Taħżiż. Is-seminar sar fil-Kunvent ta’ Santu Wistin, ir-Rabat, Għawdex. Taħżiż huwa programm ta' kitba kreattiva, iffinanzjat mill-Aġenzija Żgħażagħ u kkordinat mill-Għaqda.

Għall-jum tas-Sibt, bejn it-08:00 u d-21:00, ġie mistieden il-pubbliku sabiex ingħaqad magħna, fl-attivitajiet marbuta mal-kitba, li kellna mħejji għal dakinhar. Il-programm dakinhar, inkluda taħdita u workshop dwar il-kitba tad-djarju u l-memoir, workshop marbut mal-flashfiction, film u attività marbuta miegħu u sessjonijiet one-to-one, fost ħafna iktar. Fl-aħħar u mhux l-inqas, il-jum ingħalaq b’qari mill-parteċipanti.

Naturalment, matul il-jum kien hemm ftit waqfiet għall-ikel u x-xorb, li ingħataw b’xejn. L-attendenza għall-attivitajiet f’dak il-jum ukoll kien b’xejn.

Din hija l-attività tal-qari għall-pubbliku fuq Facebook: https://www.facebook.com/events/904517666343308/

# Achille Mizzi l-mistieden fil-programm “Xi qrajt dan l-aħħar?”

GRAZZI KBIRA lil Achille Mizzi għall-omaġġ tiegħu lill-poetessa Doreen Micallef u għall-promozzjoni tal-ktieb *Doreen Micallef - il-poeżiji* - il-konferenza editjat minn Victor Fenech.

Fl-episodju ta' dan l-aħħar, ta' 'Xi qrajt dan l-aħħar?' iltqajna mal-poeta Achille Mizzi li kellimna dwar 'Doreen Micallef - Il-Poeżiji u l-Konferenza' - pubblikazzjoni ta' żewġ volumi fuq inizjattiva tal-Akkademja tal-Malti (ed. Victor Fenech, ippubblikata minn Klabb Kotba Maltin) li tiġbor fiha għadd ta' poeżiji li dehru fit-tliet ġabriet personali tagħha, antoloġiji u rivisti; xi xogħlijiet oħra tagħha li qatt ma ġew ippubblikati qabel kif ukoll numru ta' studji li kienu ġew ippreżentati waqt konferenza li ġiet organizzata fl-2011 minn Immanuel Mifsud.

# Madre Gemma Camilleri – *Missjoni mill-kamra tas-sodda*




Matul dawn il-jiem, fil-knisja ħelwa tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta’ Gesù fin-Nadur, fejn insibu wkoll l-iskola u l-kunvent ta’ dawn is-segwaċi tal-Fqajjar t’Assisi San Franġisk, ġie llanċjat il-ktieb dwar Madre Gemma Camilleri li għexet bejn l-1889 u l-1973, xogħol l-istoriku Għawdxi Monsinjur Dr Joseph Bezzina, Assistent Arkivist Nazzjonali ta’ Malta u Kap tas-Sezzjoni tal-Arkivju Nazzjonali t’Għawdex li waqqaf hu nnifsu fis-sena 1989.

Bla dubju din il-pubblikazzjoni tittratta l-ħajja ta’ din is-soru Għawdxija li twieldet in-Nadur u li mietet b’fama ta’ qdusija wara li qattgħet l-aħħar 25 sena ta’ ħajjitha f’qiegħ ta’ sodda f’kamra tal-kunvent tar-raħal fejn twieldet u fejn illum insibu t-triq imsemmija għaliha. Kif jixhed parti mill-isem tal-ktieb, din il-Madre twajba nistgħu ngħidu li wettqet missjoni mill-kamra tas-sodda tagħha għax ħafna kienu dawk li jirrikorru għandha għal xi parir u biex titlob għalihom. B’xorti ħażina, ftit iżda, kienu dawk li ħallewlna xhieda tal-laqgħat tagħhom ma’ din il-mara qaddisa tant li l-awtur kellu jagħmel ħafna tiftix biex seta’ jippubblika dan ix-xogħol u kellu jirrikorri għal Kronaka li s-Sorijiet kienu jżommu fl-erbat idjar fejn kienet Madre, jiġifieri fid-Djar tagħhom tal-Isla, Ruma, Il-Casa Madre u n-Nadur fejn Swor Gemma serviet ukoll bħala Madre. Kif tistqarr is-Superjura Generali Sr Vitaliana Zammit, sa mill-bidu tal-ħajja reliġjuża tagħha, Madre Gemma xorbot mill-ispiritwalità tal-Fundaturi ta’ din l-Ordni, Dun Gużepp Diacono u l-Venerabbli Qaddejja t’Alla Madre Margerita de Brincat. Għexet il-ħajja tagħha b’fedeltà kbira, b’fervur u mħabba lejn Alla u lejn il-Kongregazzjoni. Din ix-xhieda ta’ ħajja Madre Gemma ħallietha wkoll fil-qalb tas-sorijiet li għexu il-ħajja kkonsagrata tagħha. Kienu ħafna dawk il-lajċi li waslu biex jagħrfu l-ħniena u l-ħlewwa ta’ Alla permezz tagħha.

Marija Camilleri, tfajla fuq tagħha ta’ 20 sena min-Nadur, fl-1909 daħlet mas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta’ Gesù. Ingħatat l-isem ta’ Madre Gemma tal-Ewkaristija, isem li nebbaħha fit-tfassil ta’ ħajjitha. Ħadmet kemm felħet meta kienet f’saħħitha u kompliet taħdem meta ħakimha l-mard. Din il-bijografija hija magħmula minn tlieta u tletin taqsima. L-ewwel parti (1-6) hija dwar it-tfulija tagħha fin-Nadur u dwar l-ewwel snin tagħha bħala soru; it-tieni (7-15) hi dwar iż-żmien li qattgħet bħala Superjura l-Isla, Ruma, l-Casa Madre fi Triq De Soldanis Victoria, fejn twelidt jien sebgħin sena ilu, u n-Nadur; it-tielet (16-28) hi dwar diversi aspetti tal-ħajja reliġjuża u spiritwali tagħha, u r-raba’ (29-33) hi dwar l-aħħar snin ta’ ħajjitha, forsi l-iktar dawk diffiċli u ta’ sagrifiċċju.

Waqt li kien qed jirċievi kopja tal-ktieb m’għand l-awtur, l-Arċipriet tan-Nadur Dun Jimmy Xerri ħeġġeġ lill-parruċċani tiegħu biex ma joqogħdux lura milli jiksbu kopja ta’ dan il-ktieb li bla dubju jiftaħ tieqa fuq il-ħajja soċjali tar-raħal fejn twieldet u qattgħet l-ewwel snin tagħha din il-Madre u fejn għaddiet ukoll l-aħħar 25 sena tagħha qabel għalqet għajnejha għal dejjem għal din id-dinja. Nota tal-aħħar; dawn is-Sorijiet ta’ Madre Gemma nsibuhom ukoll fl-Awstralja fejn qed jagħmlu ħafna ġid mhux biss fost ħutna l-emigranti imma wkoll fost tant popli li għażlu lil downunder bħala t-tieni dar tagħhom.

***Kav Joe M Attard, Victoria Għawdex***

**Nirringrazzja lil Joe Borg, Patrick Sammut, Sergio Grech, Emmanuel Attard Cassar, l-Akkademja tal-Malti u ħafna oħrajn għat-tagħrif fuq il-letteratura Maltija f’Malta li nirċievu mingħandhom. Grazzi wkoll lil Rose Lofaro għall-għajnuna li nirċievi. Grazzi u napprezza ħafna.**

# *Ftit emails li nirċievu...*

**Dawn huma ftit emails milli nirċievu. Nirringrazzjaw ukoll lil Charmaine Tanti, Lina Brockdorff, Carmel Mallia, Mario Tabone-Vassallo, Lawrence Camilleri, Carmen Baxter, Kav. Joe M. Attard, Mario Micallef u Charles Briffa li dejjem jieħdu l-ħin biex jiktbu b'ringrazzjament u kumplimenti. Grazzi.**

Għażiż Paul, Radd il-ħajr minn qalbi tal-Folju li jogħġbok tibgħatli. Nieħu gost niflih bir-reqqa. Napprezza ħafna l-ħidma tagħkom b'risq l-Ilsien Malti u l-letteratura tagħna. Tislijiet,
**Joe Camilleri, ir-Rabat, Għawdex**

Għażiż Paul, Grazzi tal-folju. Din il-ħidma wtiqa tagħkom hija dejjem apprezzata. Tislijiet.
**Prof. Charles Briffa**

Għażiż Paul, Grazzi ħafna tal-Folju li għadek kemm bgħattli li bħas-soltu dejjem mimli b'tagħrif dwar l-ilsien maħbub tagħna. Prosit tassew!
**Lina Brockdorff**

Grazzi Paul u prosit għal darba oħra għall-materjal ippreżentat fil-Folju Grupp Letteratura Maltija (Lulju, 2016). Nittama li fl-Awstralja dawk li għadhom midħla tal-Malti u tal-letteratura tagħna jsibu dan il-Folju interessanti. Prosit lil kulmin imexxi dan il-Folju.
Nixtieq ninfurmak li wasalt biex nippubblika żewġ rumanzi oħra b'tema soċjali. Dawn se jkunu Għanja Xitwija u Vaganzi Sajfin. Imbagħad is-sena d-dieħla ser nerġa' nippubblika t-tieni edizzjoni tar-rumanz storiku L-Istar tal-Imgħoddi peress li dan jittratta l-invażjoni Sovjetika fiċ-Ċekoslovakkja (1968) u fl-2018 tagħlaq 50 sena. B'hekk, b'kollox inkun għaqqadt 15-il rumanz; barra 3 kotba ta' poeżija, 2 kotba ta' novelli u ktieb dwar il-ġrajja tal-Indipendenza.
Ftit ilu, kont intervistat dwar il-ħajja letterarja tiegħi fuq Radju Hompesch ta' Ħaż-Żabbar. Sliem.
**Alfred Massa**

Għażiż Paul, Minn qalbi, ngħidlek grazzi ta' dan il-folju sabiħ u interessanti li tibgħatli. Tassew nieħu gost naqrah għax iżommni infurmata dwar dak kollu li jkun għaddej fil-qasam letterarju Malti kemm f'Malta kif ukoll fl-Awstralja. Ta' dan, ngħidlek prosit. Nirringrazzjak ukoll talli tippubblikali wħud mill-poeżiji tiegħi fil-folju. Inselli ħafna għalik,
**Charmaine Tanti**

Għażiż Paul, Il-Folju Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, Lulju 2016 irċevejtu u niżżikhajr. Mimli daqs bajda. Erba' paġni li jagħtu bxara fuq oħra ta' ġrajjiet letterarji.
Kif iseħħilkom tagħtu da' t-tagħrif kollu, f'erba' paġni biss, ma nistax infisser. Prosit Paul u staff, u grazzi mill-qalb. B'imħabba:
**Mario Griscti**

Għażiż Paul, Prosit tassew u grazzi għall-ħarġa tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria li għoġbok tibgħatli.
Insellimlek.
**Oliver Friggieri**

**IL-LAQGĦA LI TMISS SE TKUN IL-ĦADD, 28 TA' AWWISSU, 2.00 PM FIĊ-ĊENTRU MALTI TA' PARKVILLE**

# Kemm nixtieq



**Omar Seguna**

Kemm nixtieq
li ngħum f'nofs ta' baħar
u mal-mewġ nitbandal ħlejju.

Kemm nixtieq
li nħoss żiffa ħelwa
sħana ħanina ta' Mejju.

Kemm nixtieq
immur f'għalqa `l bogħod
fuq l-irtuba tal-ħamrija.

Kemm nixtieq
li nisma' biss skiet
'il bogħod mill-għawġ u l-kefrija.

'Il bogħod mill-kliem iebes aktar mill-blat.
Dawk kollha li qalbhom bil-mibegħda mimlija.
Dal-mezzi soċjali li kissru l-imħuħ.
Dal-vrus qawwija li rvinaw dil-poeżija.

***Omar Seguna***

# Meta nistrieħ, nieklu flimkien

Le ma nistgħux nistrieħu flimkien ħabib
jekk matul il-mixja jien ġrejt kemm flaħt
sakemm int bqajt b'pass kajman.
Ma nistax nerfagħlek is-salib tiegħek ukoll
jekk sakemm sibt Ċirinew jerfagħhulek
jien kont mimdud taħtu.
Ma nistax nagħtik tixrob mit-tazza ilma tiegħi
jekk meta ma kellix biex nitrejjaq,
int kont fis-sakra.

Imma meta nistrieħ
mhux se nagħmel bħalek.
Mhux se nħallik ixxomm ir-riħa tal-ikel
u tibqa' bil-ġuħ.
Mhux se nħallik bix-xabla fuq rasek
bħalma kont jien.
Xi darba għad jien u int ukoll ħabib
nieklu flimkien.

***Omar Seguna***